**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 112**

L-Erbgħa, 19 ta' April 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela u l-Onor. Ray Abela kienu skużati.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett u l-Onor. Alex Muscat kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 111 li saret fit-18 ta' April 2023 kienu kkonfermati.

## PETIZZJONI

L-Onor. Jerome Caruana Cilia ppreżenta petizzjoni ffirmata minn numru ta' residenti fi Triq il-Barrakki, Ħal Qormi, biex titwaħħal tabella fil-bidu ta' sqaq biex wara s-sitta ta' filgħaxija jitwaqqaf it-traffiku kkawżat min-numru ta' scooters tad-delivery, u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1642 Petizzjoni ffirmata minn 30 resident tat-Triq il-Barrakki, biex jitwaqqaf it-traffiku kontinwu ta' scooters li jgħaddi minn dan l-isqaq f'Ħal Qormi.

## MISTOQSIJIET

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7300, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1643 Tabella li turi informazzjoni dwar l-allokazzjoni finanzjarja għal kull kunsill lokali għas-sena 2022.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 7300 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1644 Tender for the Rehabilitation of Wied Fulija Landfill L/O Żurrieq bir-referenza CT3117/2018 datat Awwissu 2018, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8033; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1645 Tabella li turi informazzjoni dwar zebra crossings approvati minn Transport Malta mis-sena 2019 maqsuma skont il-lokalità u t-triq, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8034.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, l-Onor. Rebecca Buttigieg se tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. Randolph De Battista fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali li se jiltaqa' nhar it-Tnejn, 24 ta' April 2023.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Robert Cutajar informa lis-Sedja li b'referenza għall-punt li kien qajjem fis-Seduta 111 dwar dokumenti mhux imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 7964, sussegwentement huwa kien ġie informat li fil-fatt dawn kienu tqiegħdu fl-istess seduta.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-PREVENZJONI TAL-VJOLENZA DOMESTIKA – ABBOZZ NRU 30**

Il-Kamra rriżumiet mis-seduta tat-18 ta' April 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Roderick Galdes u l-Onor. Byron Camilleri għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Robert Cutajar għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jissalvagwardja l-interessi ta' persuni li jistgħu jkunu f'riskju ta' vjolenza domestika billi jistabbilixxi proċedura li tipprovdi għall-ħruġ ta' twissija ta' riskju ta' vjolenza domestika" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 2. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR EMENDI U TĦASSIR TA' LIĠIJIET VARJI DWAR L-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ABBOZZ NRU 37

Il-Kamra rriżumiet mis-seduta tat-18 ta' April 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar emendi u tħassir ta' liġijiet varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Fis-7.00 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitwal sabiex tkompli d-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi u li l-ħin meħud jitnaqqas mill-ħin tal-aġġornament.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Alicia Bugeja Said u l-Onor. Anton Refalo għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Janice Chetcuti għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda jew iħassar liġijiet varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, u dwar oqsma relatati u anċillari għalihom" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.11 p.m., is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said, ipproponiet l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 24 ta' April 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda.

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Glenn Bedingfield.

Fis-7.28 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 24 ta' April 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**